MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2048/1999/1

**Victoria Micallef, Nicolina Farrugia, Mary Bondin, Carmen Mamo, Angela Axiaq, George Micallef, Rita Micallef u Nicholas Micallef eredi tal-mejjet John Micallef**

**v.**

**Security Fund stabbilit taht l-Awtorita` ta' l-Insurance Business Act, 1981, u Motor Insurers' Bureau**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Settembru, 1999 l-atturi ppremettew illi huma eredi ta’ John Micallef li kien involut f’incident awtomobilistiku ma’ strangier, Michael Ellul, fit-30 ta’ Mejju, 1992 fi Triq it-Tempesta, Qrendi; illi in effetti ezatt wara l-incident l-atturi ikkomunikaw ma’ Dr Anton Felice, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, stante li kienu jafu li ma’ min habat ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni; illi in effetti huma segwew il-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 21 ta’ l-Insurance Business Security Fund Regulations 1986, ossia ghamlu l-applikazzjoni taghhom bil-miktub fi zmien sena mid-data ta’ l-incident u inoltre l-atturi hadu l-passi kollha legali necessarji biex jigbru l-flus fuq struzzjonijiet ta’ l-istess konvenut; illi in oltre l-atturi inizjaw proceduri gudizzjarji fuq insistenza tal-konvenut u in effetti dan kien wara bosta inkontri li saru fl-ufficcju ta’ Dr. Anton Felice; illi l-atturi infurmaw lill-konvenut bil-proceduri li kien ha immedjatament wara li dawn gew inizjati billi ghadda kopja tramite l-avukat tieghu lil Dr. Anton Felice; illi l-kawza li inizjaw l-atturi giet deciza favorevolment fis-26 ta’ Gunju, 1998; illi dan nonostante l-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu peress illi qed ighidu li ma jistghux minhabba l-Artikolu 20(2) ta’ l-istess Att ghax jikkontendu li ma kienx hemm ittra registrata; illi l-iskop ta’ l-ittra registrata hu sabiex il-konvenuti jkunu jafu bil-proceduri u, konsegwentement, una volta l-konvenuti kienu altro che infurmati kif fuq spjegat, ma kienx hemm lok ghal tali ittra; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:-
1) Tiddeciedi li tenut kont li l-konvenuti kienu debitament notifikati entro sebat ijiem bil-proceduri gudizzjarji, l-istess konvenuti m’humiex projbiti milli jhallsu pagament ex gratia skond l-istess Att.
Bl-ispejjez u l-konvenut [recte: konvenuti] ingunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fid-9 ta’ Gunju, 2000 is-Security Fund eccepiet:-
1. L-eccipjenti ma ghandhom ebda relazzjoni gurdika ma’ l-attur billi baqghu ma gewx notifikati bil-proceduri gudizzjarji li l-attur kien intavola kontra d-danneggjant permezz ta’ ittra registrata jew ittra ufficjali fi zmien sebat

ijiem mid-data tal-prezentata kif jipprovdi ir-Regolament 20(2) ta' l-Avviz Legali 28 tal-1986.

2. Bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, is-sentenza li l-attur ottjena kontra d-danneggjant mhix esegwibbli kontra l-eccipjent stante li kull hlas li jsir minnhom huwa ex gratia u fid-diskrezzjoni assoluta taghhom kif jipprovdi r-Regolament 20(1) ta' l-Avviz Legali 28 tal-1986.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fil-15 ta' April, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk:

"John Micallef, awtur ta' l-atturi, kien miet f'incident tat-traffiku li ghalih kien jahti certu Michael Ellul. Billi, meta sar l-incident, Ellul ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni, l-atturi fittxew kumpens mill-Fond ta' l-Assikurazzjoni mwaqqfa taht l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriza ta' l-Assikurazzjoni.

"Ir-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fond ta' Assikurazzjoni ta' l-Impriza ta' l-Assikurazzjoni jghidu illi f'kaz bhal dan "il-Fond jista', fid-diskrezzjoni assoluta tieghu izda bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jaghmel hlasijiet "*ex gratia*" lill-vittma[1]. Ir-regolamenti jghidu wkoll li ma ghandu jsir ebda hlas sakemm, *inter alia*, "ma jkunx inghata avviz bil-miktub permezz ta' ittra registrata jew ittra ufficjali, tal-procedimenti li jwasslu ghall-gudikat fi zmien sebat ijiem wara li jinbdew dawn il-procedimenti mill-attur"[2].

"L-atturi jistqarru illi huwa minnu illi ma tawx l-avviz bil-miktub kif trid il-ligi, izda l-konvenuti xorta kienu jafu bil-proceduri ghax l-atturi kienu tawhom kopja ta' mandati kawtelatorji illi kienu nhargu fuq talba taghhom kontra min ghamel il-hsara.

---

[1] A.L. 28.1986.20(1)

[2] A.L. 28.1986.20(2)

"Il-hsieb tal-ligi meta trid illi jinghata l-avviz bil-miktub lill-konvenuti fi zmien sebat ijiem wara li jkunu nbdew proceduri gudizzjarji kontra min ikun  ghamel il-hsara hu illi l-konvenuti jkunu jistghu, jekk jidhrilhom, jidhlu f'dawk il-proceduri sabiex iharsu l-interessi taghhom.

"Il-Qorti kienet forsi tasal biex tghid illi, jekk l-avviz bil-miktub li trid il-ligi jkun inghata billi twassal kopja ta' l-atti bl-idejn lill-konvenuti, flimkien mat-taghrif kollu mehtieg biex dawk ikunu jistghu jidhlu fil-kawza, dan ikun bizzejjed biex jitqies li nghata l-avviz li trid il-ligi. Fil-kaz tal-lum, izda, hemm hafna incertezzi li ma jhallux illi l-Qorti tasal ghal dik il-konkluzzjoni.

"L-Avukat Anton Felice, li jiehu hsieb it-tmexxija tal-fond, ighid illi kien hafna wara li l-atturi kienu fethu l-kawza kontra min ghamel il-hsara – hafna wara s-sebat ijiem li trid il-ligi – illi hu sar jaf b'dawk il-proceduri. L-atturi jghidu li kienu taw kopja tal-mandati kawtelatorji, jew lill-Avukat Felice stess jew lil xi hadd fl-ufficcju tieghu, fiz-zmien meta fethu l-kawza; l-Avukat Felice jghid illi din il-kopja ma waslitx f'idejh. L-atturi ma setghux ikunu precizi dwar iz-zmien meta taw il-kopji li jghidu li taw lill-konvenuti, u ghalhekk, ukoll jekk ma nqisux dak li qal l-Avukat Felice, ma jistax jinghad bi zgur illi l-avviz inghata fi zmien ta' sebat ijiem li trid il-ligi. Barra minn hekk, il-ligi trid illi jinghata avviz, mhux ta' l-atti kawtelatorji, izda tal-proceduri li jwasslu ghas-sentenza, u lanqas l-atturi ma huma qeghdin ighidu illi taw dak it-taghrif lill-konvenuti.

"Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, ma jistax jinghad illi tharsu l-kondizzjonijiet li jrid ir-reg. 20 ta' l-Avviz Legali 28 ta' l-1986."

**L-appell ta' l-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u b'rikors ipprezentata fis-6 ta' Mejju, 2002 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet taghhom.

Minn qari akkurat tar-rikors ta’ l-appell jidher li l-appellanti resqu aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata billi qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti <u>ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi kif ukoll tal-ligi.</u>

F’dan il-kuntest qed jinghad mill-appellanti li:-
a) l-ewwel Qorti hasset li ma kienx strettament necessarju li tintbaghat ittra ufficjali jew registrata b’avviz ta’ l-istituzzjoni tal-proceduri legali kif jitlob ir-regolament 20(2) ta’ l-Avviz Legali 28 tal-1986. Dan l-obbligu ghalhekk seta’ jigi sodisfatt kemm-il darba tali proceduri jingiebu a konjizzjoni tas-socjeta` konvenuta, anke b’mezzi ohra, biex din tkun tista` tintervjeni fihom.
b) il-provi juru li s-socjeta` konvenuta kienet ingiebet a konjizzjoni ta’ dawn il-proceduri fi zmien utili b’mezzi ohra u, fi kwalunkwe kaz, tali proceduri gew istitwiti mill-atturi fuq rikjesta ta’ l-istess konvenut.

Fir-risposta taghhom is-Security Fund u l-Motor Insurers’ Bureau qed jirribattu t-talba ta’ l-atturi appellanti billi jsostnu li stante li r-rekwiziti mposti mil-ligi ma gewx osservati qatt ma jista’ jkun hemm l-obbligu ta’ hlas ta’ kumpens u li, fi kwalunkwe kaz, dak li qalet l-ewwel Qorti dwar il-possibilita` ta’ forma ohra ta’ avviz kien biss *obiter* u “formulat b’doza qawwija ta’ kawtela tant li l-paragrafu in kwistjoni jibda bil-kliem ‘*Il-Qorti kienet forsi tasal biex tghid …*’”.

**Ikkunsidrat:-**

Ir-Regolamenti ta’ l-1986 dwar il-Fond ta’ Assikurazzjoni ta’ Impriza ta’ l-Assikurazzjoni li dahlu in vigore fl-1 ta’ Lulju 1986 permezz ta’ L-Avviz Legali 28 ta’ dik is-sena kellhom il-ghan li, fost affarijiet ohra, jinghata kumpens lil vittmi ta’ disgrazzji tat-traffiku fit-triq f’cirkostanzi partikolari. Il-htiega li jitwaqqaf il-Fond li jissemma’ f’dawn ir-regolamenti nhasset billi kien qed jigri li vittmi ta’ incidenti tat-traffiku kienu, f’xi okkazzjonijiet, jibqghu bla kumpens xieraq meta it-terz ma jkunx kopert b’assikurazzjoni kontra r-riskji tat-terzi persuni. Naturalment dawn ir-Regolamenti jehtiegu li, biex

pagament ikun jista' jsir lid-danneggat, ikunu sodisfatti certi rekwiziti. Insibu ghalhekk li r-regolament 20(1) jiddisponi li meta jkun hemm **gudikat** ghar-rigward ta' xi obbligazzjoni li tohrog mill-mewt jew mill-feriment ta' xi terza persuna, il-Fond jista', fid-diskrezzjoni assoluta tieghu, jaghmel hlasijiet *ex gratia* lill-persuna jew persuni li favur taghhom ikun inghata dak il-gudikat.

Imbaghad insibu li s-subinciz (2) tar-regolament imsemmi jimponi certi obbligi fuq id-danneggat qabel ma tista' tigi kunsidrata talba ghall-hlas ta' kumpens mill-Fond. Id-divergenza ta' bejn il-kontendenti tiskaturixxi minn nuqqas da parti ta' l-atturi li jaghtu avviz, bil-miktub, lill-Bureau permezz ta' ittra registrata jew ittra ufficjali, tal-procedimenti li wasslu ghall-gudikat fi zmien sebat ijiem wara li jinbdew dawn il-procedimenti kif previst fis-subinciz (a) tal-paragrafu (2) tar-regolament 20 tar-Regolamenti.

Jidher, u hekk irrizulta lill-Qorti ta' Prim Istanza, li mhux kontestat li meta gew istitwiti il-proceduri kontra Michael Ellul, il-persuna responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi, ma intbaghatx avviz lill-Bureau entro z-zmien preskritt mir-regolamenti, u dana la b'ittra registrata u anqas u anqas b'ittra ufficjali. Infatti Dottor Jose` Herrera fix-xhieda tieghu a fol. 75 tal-process, wara li spjega li hu, flimkien ma Dr. Giglio, kienu marru l-"Motor Insurance Bureau" biex jikkonsenjaw kopji tal-mandati li kienu saru fuq talba ta' l-istess Bureau, ighid espressament hekk:-
"Nghid ghalhekk illi wara li kien sar dan, ma kienx hassna li kien hemm raguni valida ghalfejn kellna nergghu ninnotifikaw bil-miktub lill-"Motor Insurance Bureau". Ghaliex? Ghaliex ahna irragunajna illi 'una volta' ahna konna agixxejna fuq l-istruzzjonijiet tal-"Motor Insurance Bureau" u konna ipprezentajna l-mandati kawtelatorji flimkien mal-kawza fuq istruzzjonijiet ta' l-istess "Motor Insurance Bureau" (enfazi tal-Qorti) u konna tajna kopja tal-mandati kawtelatorji lill-"Motor Insurance Bureau", il-"Motor Insurance Bureau" kienet taf bil-kawza …"

Mill-korrispondenza bejn l-Avukat Herrera u l-Avukat Anton Felice, a fol. 32 sa 36 tal-process, jirrizulta ampjament li l-'claim' ta' l-eredi ta' John Micallef kienet

ingiebet a konjizzjoni tal-Motor Insurance Bureau b'ittra tal-31 Awissu 1992 mibghuta mill-Avukat Herrera ghan-nom ta' l-eredi ta' l-istess John Micallef. Flimkien ma din l-ittra Dr. Jose Herrera baghat diversi dokumenti "*li jixhdu r-relazzjoni taghhom mad-decujus.*" Saret ukoll kwantifikazzjoni tal-'claim' u l-Bureau gie infurmat li kien hemm inkjesta Magisterjali u min kien l-espert imqabbad mill-Qorti.

Fir-risposta ta' Dr. Felice bid-data tal-10 ta' Settembru, 1992, gie rilevat li kwalunkwe 'claim' lill-Bureau "is dealt ex gratia" a tenur tar-regolamenti. B'dana kollu l-istess Dr. Felice informa lill-Avukat Herrera x'dokumentazzjoni kienet rikjesta "*In order to give a preliminary consideration to the claim….*" Sussegwentement fl-10 ta' Novembru, 1992 l-istess Dr Felice, wara li ghamel xi kummenti dwar xi dokument li kien intbaghat lilu, ghalaq l-istess ittra billi talab lill-istess Dr. Herrera biex dan jibghatlu "*documentation showing what action you have taken against Mr Michael Ellul.*" L-Avukat Herrera rrisponda fit-2 ta' Dicembru, 1992 u, fost affarijiet ohra, informa lill-Dottor Felice bis-segwenti: "*Rigward l-azzjoni li ttiehdet kontra Michael Ellul ninfurmak illi stante li l-eredi kienu ghamlu claim biex l-ammont jithallas 'ex gratia' u biex jissurrogaw(kom) fid-drittijiet taghhom, <u>ma ittiehdet ebda azzjoni legali anki ghaliex ma kienx hemm insurance.</u>*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Jirrizulta li l-proceduri legali istitwiti mill-atturi odjerni kontra Michael Ellul, gew hekk istitwiti fil-11 ta' Marzu, 1993 meta, fliemkien mac-citazzjoni gew ukoll prezentati talbiet ghall-hrug ta' mandati ta' Qbid u ta' Impediment tas-Safar ta' Persuna kontra l-istess Michael Ellul. Jirrizulta pero' li, bejn l-ahhar korrispondenza u cioe` l-ittra ta' Dottor Herrera tat-2 ta' Dicembru, 1992 u l-prezentata tac-citazzjoni u l-mandati msemmija, kienu sehhew xi inkontri bejn l-istess Dottor Felice u membri ta' l-ufficcju ta' l-Avukat Herrera, fosthom l-istess Dr. Herrera. F'dan ir-rigward Dr Felice xhed espressament hekk:

"Issa, f'dak iz-zmien, issa jigifieri f'dan il-perjodu li dwaru kien ghadda l-iskambju ta' dokumenti, jiena niftakar li kien

hemm inkontri bejni u bejn Dr. Herrera, fejn anki konna qieghdin nuzaw l-esperjenza li kellna fi ‘claims’ ohrajn, li dwarhom anki xehed Dr. Herrera. Jien hawn hekk kont qed nispjega lil Dr Herrera li peress li t-“tortfeasor”, dak li ghamel il-hsara lill-mejjet, kien “a man of straw”, ma kellux finanzi, peress li wkoll ma kienx hemm ebda qbil da parti tieghu, anzi lanqas ried jigi ma’ Dr. Herrera biex isir ftehim biex ahna nhallsu ghan-nom tieghu, biex ahna imbaghad inkunu nistghu naghmlu ‘claim’ kontrih, ta’ rivalsa kontrih, ghidtlu “*biex ahna nippreservaw id-drittijiet taghna kontra dan id-debitur bil-fors li inti jrid ikollok dikjarazzjoni gudizzjarja li tindika li verament dik il-persuna hija debitrici versu l-eredi klienti tieghek.*”

L-istess Dr. Felice kompla biex spjega li f’kaz iehor, cioe` dak ta’ Sharon Borg, li wkoll kienet patrocinata mill-istess Dr. Herrera, ma kienitx qamet il-htiega ta’ proceduri gudizzjarji billi it-“tortfeasor” kien “*qabel u ffirma ftehim fejn lilna awtorizzana biex inhallsu ammont li hu illikwida bhala li huwa dovut lil “the injured party” f’dak il-kaz.”* Biss kompla hekk: “*F’dan il-kaz invece ma kienx hemm qbil da parti tat-“tortfeasor”, u allura konna qieghdin niddiskutu li l-uniku mod kif nistghu nikkristallizzaw dan id-debitu kien permezz ta’ dikjarazzjoni gudizzjarja, permezz ta’ sentenza.*”

Jidher ghalhekk li l-proceduri gudizzjarji li gew istitwiti mill-atturi kontra Michael Ellul, kienu gew hekk istitwiti fuq rikjesta ta’ l-istess Dr Felice in rapprezentanza tal-Bureau. Hawn huwa relevanti dak li jinghad fis-subinciz (b) tal-paragrafu (2) tar-regolament 20 ta’ l-Avviz Legali 28 ta’ l-1986. Infatti fost ir-rekwiziti jew, kif jissejhu fil-gergo ta’ l-ambjent assikurattiv, bhala “condition precedent” ghall-pagament “ex gratia” hemm provdut li tali pagament ma jistax isehh kemm-il darba l-parti interessata, minkejja li tkun hekk mitluba mill-Fond (ossia Bureau), ma tkunx hadet il-passi kollha ragionevoli biex tikseb gudikat kontra kull persuna li kontriha hija tkun tista’ tiehu rimedju ghar-rigward u kagun tal-feriment jew mewt li taw bidu ghall-procedimenti msemmija.

Minn dan jidher li l-paragrafu (2) tar-regolament 20 ta’ l-Avviz Legali 28 ta’ l-1986 jiddistingwi bejn zewg sitwazzjonijiet differenti billi fis-sitwazzjoni prospettata fis-subinciz (a) jidher li ma jkun hemm ebda possibbilita` ta’ hlas mill-Fond jekk il-parti interessata, di sua sponte, tistitwixxi proceduri kontra d-danneggant minghajr avviz lill-Fond. F’dan il-kaz il-Bureau ma jkunx a konoxxenza tal-fatt li jista’ jkollu ‘claim’ a tenur tas-subinciz (b) tar-regolament 3 ta’ l-istess Regolamenti, u ghalhekk huwa mehtieg espressament li jinghata avviz kif jipprovdi s-subinciz (a) tal-paragrafu (2) tar-regolament 20 imsemmi. Dan billi mhux ragionevoli li l-istess Fond ikun rinfaccat b’talba ghall-hlas ta’ somma konsiderevoli f’data futura, minghajr ma jkun ghamel ebda provvediment ghaliha fil-kotba ta’ l-istess Fond. Ghal kuntrarju meta dawk il-proceduri gudizzjarji jittiehdu fuq rikjesta ta’ l-istess Fond (reg.20(2)(b)), specjalment ghar-ragunijiet moghtija mill-istess Dr Felice hawn fuq riportati, huwa prezunt li l-Fond ikun a konoxxenza tal-fatt tal-prezentat tal-proceduri u dana billi jkun, kif awtorizzat bis-subinciz (b) tal-paragrafu (2) tar-regolament 20 tar-Regolamenti, gia` avza lill-parti interessata li ma jhallasx jekk ma jkunx hemm gudikat. Infatti, b’mod logiku, fil-kaz sottoezami, ir-regolamenti ma jirrikjedux li jinghata avviz la b’ittra registrata u lanqas b’ittra ufficjali.

B’referenza ghal dak li nghad dwar il-possibilita` ta’ intervent fil-kawza tal-Fond jigi osservat li l-posizzjoni ta’ l-istess Fond f’tali proceduri tkun kemm xejn anomala. Il-Fond gie kostitwit appositament sabiex jinghata kumpens lil vittmi ta’ disgrazzji tat-traffiku fit-triq meta, skond l-istess Regolamenti, ma jkunx hemm mod iehor kif dawn l-istess vittmi jircievu dak li haqqhom. Il-Fond ghalhekk, filwaqt li entro l-limiti imposti fl-istess regolamenti, jiggarantixxi hlas ta’ kumpens, anke jekk dan isir “ex gratia”, fi proceduri gudizzjarji la jhares l-interessi tal-parti danneggata u lanqas dawk tat-“tortfeasor”. Kull ma hu interessat il-Bureau hu li jigi definittivament stabbilit li d-danneggati huma dawk li realment qed jaghmlu claim, li t-“tortfeasor” huwa fil-verita` persuna mhux koperta b’polza ta’ assikurazzjoni, li d-danni sehhew bhala rizultat ta’ incident awtomobilistiku, u li finalment l-ammont li ser jithallas mill-

istess Bureau jkun hekk rikonoxxut bhala dovut fil-gudikat li jigi ottenut eventwalment biex, mas-surroga li topera *ex lege* mal-pagament, l-istess Fond ma jkollu ebda problema meta jipprova jezegwixxi kontra t-“tortfeasor” ghar-rifuzjoni ta’ l-ammont imhallas. Ghalhekk, kif sewwa osserva Dr Felice, f’kazi fejn l-istess “tortfeasor” jakkonsentxxi ghall-hlas li jsir mill-Fond lid-danneggat, ma jkunx hemm htiega ta’ proceduri gudizzjarji.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell ta’ l-atturi huwa gustifikat u jimmerita li jigi akkolt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa’ l-appell interpost mill-atturi, tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-15 ta’ April, 2002 u konsegwentement, fil-kuntest ta’ dak li inghad hawn fuq, tilqa’ t-talba attrici limitatament billi tiddikjara li l-konvenuti m’humiex projbiti milli jhallsu pagament ‘ex gratia’ skond ir-Regolamenti ta’ l-1986 dwar Fond ta’ Assikurazzjoni ta’ l-Impriza ta’ Assikurazzjoni.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz u in vista tal-punt legali involut, l-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------